

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUNSILL

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1540, u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686, kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1539 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u persuni, gruppi, impiċċi u entitajiet assoċjati magħhom

(2018/C 374/02)

L-informazzjoni li ġejja qed tinġieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1693 (¹), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1540 (²), u fl-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 (³), kif implementat bir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1539 (⁴) dwar miżuri restrittivi kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni, gruppi, impiċċi u entitajiet assoċjati magħhom.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ddeċċieda li dawk il-persuni għandhom jiġu inklużi fuq il-lista ta' persuni, gruppi, impiċċi u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 u fir-Regolament (UE) 2016/1686.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għall-possibbiltà li ssir applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif elenkti fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2016/1686 sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex il-fondi ffriżiati jintużaw għal ħtiġjiet essenzjali jew ħlasijiet spċifici skont l-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Il-persuni kkonċernati jistgħu jippreżentaw talba biex jiksbu d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill għaliex ġew inklużi fil-lista msemmija hawn fuq. Din it-talba għandha tintbagħha fl-indirizz li ġej:

Council of the European Union

General Secretariat

DG RELEX 1C

Rue de la Loi/Wetstraat 175

1048 Bruxelles/Brussel

BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

Il-persuni kkonċernati jistgħu fi kwalunkwe ħin jippreżentaw talba lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' appoġġ, biex id-deċiżjoni li huma jiġu inklużi fil-lista tīġi kkunsidrata mill-ġdid, fl-indirizz ipprovdu hawn fuq. F'dan ir-rigward, qed tinġibed l-attenzjoni tal-persuni kkonċernati għar-rieżami regolari tal-lista mill-Kunsill skont l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2016/1693 u l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/1686. Sabiex it-talbiet jiġu kkunsidrati fir-rieżami li jmiss, dawn għandhom jiġu ppreżentati sal-20 ta' Awwissu 2019.

L-attenzjoni tal-persuni kkonċernati qed tinġibed ukoll għall-possibbiltà li jikkontestaw d-deċiżjoni tal-Kunsill quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, skont il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 275, it-tieni paragrafu, u l-Artikolu 263, ir-raba' u s-sitt paragrafi, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 25.

(²) ĠU L 257, 15.10.2018, p. 3.

(³) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1.

(⁴) ĠU L 257, 15.10.2018, p. 1.